MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 80

**4 ta' Ġunju 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary

(Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**80.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

80.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

80.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu tliet talbiet għal apoloġija, mingħand il-kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur John Borg li nqabdu xogħol u mingħand is-Sur Mark Abdilla li kien imsiefer. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji b'mod unanimu.

**80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

80.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 79 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

80.2.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 79 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**80.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

80.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi se tipprova tagħmel *agreement* ma' l-aġenzija tat-toroq biex jagħmlulna t-toroq u jagħtuna l-flus imma aħna nħallsu għall-perizja u naħdmu bil-kuntrattur tal-Kunsill.

**80.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

80.4.1 F'dan l-istadju ma kienx hemm mistoqsijiet.

**80.5 Finanzi – Tweġiba għall-*management letter***

80.5.1 Il-konsulent finanzjarju s-Sur Christian Vella qal illi l-awdituri lestew il-*management letter* u hemm bżonn nagħtu tweġibiet għall-punti li qajjmu.

Il-punti prinċipali:

80.5.2 Qbilna ma' l-aġġustamenti proposti ta' *accruals u* riklassifikazzjoni ta' ċerti *accounts*.

80.5.3 *Street Lighting tender* li ħareġ tard. Huwa veru imma konna qed nistennew struzzjonijet jekk konniex se naqilbu dan it-*tender* bħala reġjun, u mhux għax kien hemm traskuraġni.

80.5.4 Ħafna punti ġew indirizzati u solvuti matul is-sena.

80.5.5 *Asset insurance* – Veru li kien hemm xi differenzi imma dawn kienu żgħar. Hemm *issue* dwar iċ-ċentru ċiviku għax aħna ninxurjawh meta strettament mhux tagħna imma *leased*.

80.5.6  Fuq pagamenti magħmula qabel l-approvazzjoni tal-Kunsill, dawn kollha kienu ħlasijiet koperti b'tenders.  L-*accountant* qal illi mhux dejjem possibli noqogħdu nistennew laqgħa tal-Kunsill għax dawn ikunu koperti b'kuntratti u jibdew jippressaw għall-pagamenti mall-ewwel.  Fil-każ ta' xogħlijiet il-ħlas isir wara ċertifikazzjoni tal-perit.

80.5.7 Spejjeż għal Jum Birkirkara.  L-awditur kien korrett imma bħala Kunsill kbir ma nistgħux nagħmlu mod ieħor.  Biss biss irridu nikru tinda kbira għax l-attivita' issir f'Diċembru.  Hawn ukoll numru kbir ta' għaqdiet u baned, u rridu nixtru ħafna trofej.

80.5.8 *Budget* – veru illi kien hemm xi avariji imma bħala *net position* morna aħjar.

80.5.9 Inventarju – Kellna avarija żgħira ta' xi tliet elef euro f'diprezzament imma din is-sena se nippruvaw naqblu bl-eżatt anke permezz ta' *software* ġdid.

80.5.10 Inventarju ta' kotba – dawn se jitneħħew mill-accounts.

80.5.11 Bilanċi tal-WSC – għandhom raġun u rridu nagħmlu laqgħa mal-WSC ħa nikkjarifikaw.

80.5.12 Djun antiki ħafna ta' 92,000euro.  Imma hawnhekk għamilna progress.

80.5.13 *Leave* mhux mittieħed – veru li qal l-awditur, imma xi kultant miex daqshekk faċli għax hemm leave akkumulat ta' ħafna snin u x-xogħol tal-kunsill żdied ħafna.

80.5.14 Presenza tal-kunsilliera – suppost ktibna lill-ministru imma niddikjaraw illi l-post xorta mhux vakanti.  Se ssir f'xi waħda mil-laqgħat li jmiss.

80.5.15 Il-Kunsill approva b'mod unanimu dawn ir-risposti.

**80.6 ERDF – Proġett Mużew tal-Ferrovija**

80.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi billi rbaħna l-fondi erdf għall-mużew tal-ferrovija hemm bżonn jinħarġu *tenders* b'mod immedjat.  Dawn huma għal *project co-ordinator*, restawr u *finishing* tal-binja, *mechanical/electrical* għall-esebiti, lift, restawr tal-funtana, *canopy* li tgħatti l-vagun u sejħa għall-pubbliċita' (*boards* u tabelli).  Kien hemm xi mistoqsijiet dwar kif se jitmexxa l-proġett u dwar xi partikolaritajiet imma kien hemm qbil li jinħarġu dawn it-*tenders*. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi waħda mill-kmamar kienet se tittieħed mill-Kunsill sabiex issir esebizzjoni ta' oġġetti relatati mal-Kunsill, u arkivji.

**80.7 Kjosk Stazzjon**

80.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min rebaħ il-kjosk ta' l-istazzjon għamel xi talbiet lill-Kunsill, liema talbiet kien qiegħed iressaqhom fil-laqgħa.

80.7.2 L-ewwel waħda kienet dwar il-latrina li kif jaf kulħadd tinsab fi stat ħażin ħafna.  Hu qed jissuġerixxi illi jagħmel spiża u jagħmlilha *refurbishment* imma mbagħad jagħmel magna ħalli min irid jidħol fiha jħallas 50c li jmorru għall-*consumables* eċċ.  Din tkun tinkludi wkoll ħsarat.  Wara

diskussjoni ġie deċiż illi l-Kunsill ma joġġezzjonax għal din it-talba dment li jekk jiġi terminat il-kuntratt tal-kjosk, dan il-ftehim jaqa' wkoll.

80.7.3 Is-sid tal-kjosk talab ukoll illi biex iressaq lin-nies lejn il-kjosk jibda jagħmel attivita' darba fix-xahar fejn iġib xi kantanti eċċ, kollox a spejjeż tiegħu. In ġenerali qed jitlob *no objection*. Ma kienx hemm oġġezzjoni ħlief li kollox ikun konformi mal-liġi.

80.7.4 Is-Sindku qalet illi l-ġnien huwa tal-Kunsill u jekk xi ħadd ikun irid juża' l-ġnien għal xi attivita' jrid iħallas skont il-*bye-law*. Hawnhekk intfiet it-trasmissjoni għall-pubbliku, u ġew diskussi xi temi kummerċjali bħal per eżempju min se jikri l-ġnien irid jixtri l-*catering* bilfors mingħand tal-kjosk?

**80.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 60, u *Petty Cash***

80.8.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

80.8.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 60 kienet approvata nem. con. Kien hemm mistoqsija mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg dwar pagament 108 lil V&C li ġie kjarifikat – dan huwa xogħol relatat ma' Ġnien Stazzjon. Dan fuq proposta tal-kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

**80.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-tnejn 2 ta' Lulju fis-6pm.

Konfermati, illum 2 ta' Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |